KITBA TA' FRANS ZAHRA

# Mattia Pretti

**F'Jannar ta' din is-sena ('99), il-pittur Mattia Preti għalaq 300 sena mejjet.** Fost l-għadd ta' kwadri li pitter, insibu dawk dedikati lill-qaddisa Lixandrina, Katarina V.M. Fost dawn insibu dak titulari tal-parroċċa taż-Żurrieq: Il-Martirju tar-Rota, dak li hemm fil-Mużew tal-Arti l-Belt Valletta, li wkoll bħala suġġett għandu l-martirju, bid-differenza li f'dan il-kwadru jippreżentalna qtugħ ras il-qaddisa. Is-suġġett tal-martirju, hu trattat wkoll fil-kwadru ta' wieħed miż-żewġ lunetti, li hemm fil-kappella tal-Lingwa Taljana, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Il-kwadru tal-lunetta l-oħra fl-istess kappella, xogħol ukoll il-Preti, juri lil Santa Katarina tiddikskuti mal-għorrief, fil-konfront li kien ippreżentalha l-Imperatur. It-titular ta' din il-kappella, li hu xogħol Mattia, ifakkarna fiż-Żwieġ mistiku tal-qaddisa ma' Ġesu'. Mattia Preti għandu xogħolijiet oħra f'dan il-Kon-Katidral. Il-koppla tal-knisja ta' S.Katarina d'Italia, dik li hemm faċċata tal-knisja tal-Vittorja, il-Belt Valletta, tpittret minn Preti.



Għall-knisja taż-Żurrieq, barra t-titular, Preti pitter kwadri oħra. Iżda r-rabta ta' dan il-pittur maż-Żurrieq, mhux biss mħabba l-kwadri, imma għaliex fi żmien il-pesta tal-1676, Preti kien ħa kenn f'dar fi Triq il-Fjuri fl-istess raħal.

**Min kien Mattia Preti li għex fi gżiritna għal 40 sena?**
Twieled f'Taverna, provinċja ta' Catanzarlo fil-Kalabrija - difatti kien mlaqqam, "il Cavaliere Calabrese" - fit-24 ta' Frar 1613. Kellu ħuh ieħor, Gregorio, pittur magħruf ukoll. Fi triqtu lejn Ruma fejn mar biex jiżviluppa aħjar t-talent tal-pittura (kellu 17 il-sena) żar Napli. Hawn, fost l-kwadri li pitter, nsibu wkoll dak relatat mal-ħajja ta' Santa Katarina: l-Imperattriċi Faustina, mart l-Imperatur Massimu, iżżur lill-qaddisa fil-ħabs. Meta kien l-Italja, Preti baqa' msaħħar bl-arti ta' Carracci u Guercino, fost oħrajn. Fl-1656, Mattia Preti, minn Ruma reġa' lura lejn Napli, fejn kompla jiżviluppa l-meastrija fl-arti tal-pittura.

**Meta nbena l-Kon-Katidral ta' San Ġwann,** il-GranMastru, Fra Jean Paul Lascaris xtaq lil xi ħadd biex iżejjen dan il-bini majestuż. Il-kavallier Giovanni Battista Brancaccio rrikmanda lil Preti, iżda Lascaris laħaq miet. Is-suċċessur GranMastru, De Redin, kien ukoll ħerqan li jara l-Knisja konventwali dekorata, Iżda kellu jkun fi żmien il-GranMastru Raphael Cotoner, li xi artisti kienu mpenjati biex isebbħu San Ġwann, fosthom Mattia Preti. L-akbar biċċa xogħol tiegħu, hawn, lġifieri fil-KonKatidral, hi s-saqaf tal-korsija.



Is-saqaf maqsum f'diversi episodji, naturalment marbuta mal-patrun tal-Ordni tal-Kavallier, San Ġwann l-Għammiedi (il-Battista). Hemm sitt sezzjonijiet, u kull waħda maqsuma fi tlett partijiet . Hemm ukoll żewġ apsidi: tal-Kor u dik ta' fuq il-bieb ewlieni. It-tlett partijiet juruna tlett xeni ewlenin mill-ħajja tal-Battista: Il-Magħmudija ta' Kristu, San Ġwann jippriedka fix-xagħri u Il-Bankett minn Erodi, li sewa l-ħajja ta' Ġwanni, wara li biż-żfin tagħha, Salome, għoġbot lill-mistednin. Fuq kull naħa tat-twieqi hemm impittra persunaġġi: qaddisin u eroj ta' l-Ordni Gerosolmitan, waqt li l-ispazji li jifdal huma dekorati b'anġli jżommu emblemi tal-passjoni, armi tar-reliġjon u armi li jfakkru lill-GranMastru Rafel Cottoner li kkummissjona x-xogħol. Il-pittura hi affreski, iġifieri pittura mpittra biż-żejt direttament fuq il-ġebla. Temm dan ix-xogħol f'Diċembru 1666. Barra l-pittura, Preti, għamel ukoll suġġerimenti dwar tibdil strutturali, ħażżeż xi disinji li naraw skolpiti fil-ġebla fl-istess Kon-Katidral.



Il-Kwadru ta' Santa Katarina li jinsab fil-Mużew tal-Arti, l-Belt Valletta

Preti ma kienx ried flus għax-xogħol li għamel, inkluż fl-Oratorju ta' San Ġwann. Allura bħala kumpens kien ingħata ġieħ li jkun milqugħ fi ħdan l-Ordni. Ta min jgħid, li Preti, li kien fuq tiegħu, ġie referut biex jiġi fostna permez tal-Papa Urbanu VIII.

**Mattia Preti, wieħed mill-aqwa figuri tas-seklu 17, miet fit-3 ta' Jannar 1699.** Kellu 86 sena, u b'sinjal ta' unur, ġie midfun fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Il-qabar tiegħu qiegħed qabel tidħol fis-sagristija, imkennen mis-saqaf sabiħ u maestuż li kien pitter. Lapida li hemm fuq qabru, bil-kelmiet: Magnum Picturae Decus, tfakkar lil dan il-pittur magħruf.

**Permez ta' din il-kitba, kull ma għamilt, tajt ħjiel** dwar wieħed mill-aqwa pitturi ta' kalibru, li bħal ħafna oħrajn magħrufa, iddedika wħud mill-kwadri tiegħu lil Santa Katarina ta' Lixandra, V.M. , li tagħha qed niċċelebraw il-festa titulari. Mattia Preti bil-pinzell imħaddem f'idejh ta' ġieħ lit-tfajla Katarina, bħal ma jien b'din il-kitba, nittama, li serviet ta' ġieħ lil dan il-ġenju b'mod speċjali, f'waħda mill-friegħi ta' l-Arti: Il-Pittura.

